**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 29 ta' Novembru 2018**

Numru 1

**Appell Nru. 192/2016**

**Anna Zelbst**

**vs**

**Alfred Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul min Alfred Mifsud wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-18 ta' Gunju 2018 fejn il-Qorti tal-Appell varjat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' Ottubru 2017 u laqghet it-talbiet tal-attrici ritrattata;

Rat ir-risposta tal-attrici li issottomettiet li preliminarjament illi r-rikors ta' ritrattazzjoni hu improponibbli ghax fil-mori r-ritrattand hallas l-ispejjez tal-kawza bla riserva u ghalhekk is-sentenza illum tikkostitwixxi res judicata. Fil-mertu sostniet li ma hemm ebda bazi legali ghar-ritrattazzjoni;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Gunju 2018 li ser tigi riprodotta fl-intier taghha billi r-ragunijiet ta' ritrattazzjoni jolqtu dak li gie kunsidrat u deciz mill-Qorti tal-Appell Inferjuri:

1. L-attrici harrket lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) peress li ssostni li l-konvenut obbliga ruhu li jhallasha monthly allowance ta' tlett elef ewro (€3,000) kull xahar.

2. Fir-rikors promotur tad-9 ta' Awwissu 2016 ipprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-attrici Anna Zelbst talbet lill-qorti sabiex tikkundanna l-konvenut ihallasha is-somma ta' €6,000.

3. Fir-risposta tas-16 ta' Settembru 2016, il-konvenut qal:
(i) Qabel xejn u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-attrici ghandha tispjega l-bazi legali tal-jedd pretiz minnha b'din l-azzjoni;
(ii) Preliminarjament, l-inkompetenza ta' din il-qorti ratione materiæ in kwantu l-attrici qed titlob hlas ta' manteniment;
(iii) Preliminarjament ukoll, l-illegittimita` tal-persuna tal-attrici Anna Zelbst biex tipproponi din l-azzjoni ghall-hlas tal-manteniment tal-ulied in kwantu dawn huma maggorenni u ghandhom il-kapacita` legali shiha li joqghodu f' kawza;
(iv) Minghajr pregudizzju u fil-mertu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;
(v) Mhux minnu li l-eccipjent assuma xi obbligazzjoni ta' hlas favur l-attrici bil-kitba indikata fir-rikors;
(vi) Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, ulied il-partijiet huma t-tnejn maggorenni u l-eccipjent minn jeddu qed jipprovdi ghalihom direttament maghhom. Fir-rigward tal-attrici l-eccipjent ma ghandu l-ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment jew xi debitu iehor.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Magistrati wara li cahdet it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet (preliminari) tal-konvenut, irriferiet ghall-Artikolu 959 tal-Kodici Civili (li jindika kif jitnisslu l-obbligazzjonijiet li mhux gejjin mis-setgha biss tal-ligi: u cioe` minn kuntratti, kwazi-kuntratti, delitti jew kwazi-delitt) u iddikjarat illi d-dokument in kwistjoni:
"…la huwa kuntratt u lanqas ma huwa xi forma ta' skrittura privata bejn zewg partijiet. Lanqas ma jidher li d-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut hija xi obbligazzjoni li gejja mis-setgha tal-ligi. Li huwa car pero` li d-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut, hija weghda……
……l-istess dokument ma jorbotx lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef ewro fix-xahar."
Konsegwentement laqghet ir-raba' (4) u l-hames (5) eccezzjonijiet tal-konvenut, cahdet it-talba attrici u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) eccezzjonijiet. Bl-ispejjez a karigu tal-attrici.

5. L-attrici appellat mis-sentenza u talbet li din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, kif ukoll in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u tas-sitt eccezzjonijiet, tirrevokaha in kwantu laqghet ir-raba' u l-hames

eccezzjonijiet, u konsegwentement tilqa' t-talba taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

6. L-aggravji (u l-argumenti) tal-attrici huma s-segwenti:
- Fl-ewwel lok taccenna ghall-fatt li ghalkemm l-ewwel qorti irreferiet ghall-Artikolu 959 ("L-obbligazzjonijiet li mhumiex gejjin mis-setgha biss tal-ligi, jitnisslu minn kuntratti, kwazi-kuntratti, delitti, jew kwazi-delitti.") sabiex tidentifika kif tista' tigi kkreata obbligazzjoni, iffokat ruha biss fuq kuntratti jew skritturi privati bejn zewg partijiet u fuq obbligazzjonijiet li jitnisslu mil-ligi.
- Tilmenta li l-ewwel qorti injorat ghal kollox li obbligazzjoni tista' tigi kkreata minn minn kwazi-kuntratt bhal per ezempju min jippresta servigi jew min jassumi l-obbligu ta' fiducjarju. Tirreferi ghall-Artikolu 1012 ("Il-kwazi-kuntratt huwa fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin.") tal-Kodici Civili u tenfasizza li l-kwazi-kuntratt jikkontempla mhux biss obbligazzjonijiet mill-partijiet lejn xulxin, izda anke obbligazzjoni unilaterali assunta minn parti lejn ohra.
- Tirreferi wkoll ghall-Artikolu 961(2) ("Il-kuntratt huwa unilaterali meta persuna wahida jew izjed jobbligaw ruhhom lejn persuna wahda jew izjed, minghajr ma jkun hemm ebda obbligazzjoni min-naha ta' dawn tal-ahhar.") tal-Kodici Civili u ssostni li l-obbligazzjoni li assuma l-konvenut fid-dokument in kwistjoni (cioe` obbligazzjoni unilaterali favur taghha, minghajr l-ebda obbligazzjoni reciproka da parti taghha) tinkwadra perfettament taht tali artikolu.
- Taccenna ghall-fatt illi l-hlas ta' €3,000 fix-xahar da parti tal-konvenut lilha, kien diga gie attwat sa minn tlett xhur qabel id-dikjarazzjoni in kwistjoni (Marzu, April u Mejju 2016), kif ikkonferma l-istess konvenut fil-kontro-ezami tieghu. Ghalhekk issostni li l-obbligazzjoni maghmula minnu fid-dokument in kwistjoni kienet semplici konferma tal-obbligu verbali li kien diga assuma u attwa permezz ta' tlett pagamenti.
- Tirreferi ghall-insenjament ta' Giorgio Giorgi ("..quando le parti contraenti abbiano eseguito una convenzione, il modo con cui l'hanno attuato chiarisce la loro volonta`, la convenzione deve eseguirsi nel modo medesimo anche nel rimanente e per l'avvenire.") u ta' Baudry-Lacantinerie ("Quando si tratta di una convencione che e` stata gia eseguita durante una o piu` anni, la commune intenzione delle parti risulta a sufficienza dall'interpretazione che esse stessi hanno dato alla convenzione per gli anni decorsi.") biex tissostanzja l-argument taghha illi essendo d-dikjarazzjoni biss ratifika skritta ta' obbligazzjoni li l-konvenut kien diga qed jesegwixxi, allura kien obbligat ikompli jesegwixxiha anke fil-futur. Tkompli tghid li dan l-insenjament huwa fil-fatt assodat fil-gurisprudenza nostrana, u fir-rigward taghmel riferenza ghal diversi sentenza moghtija mill-Qorti ta-Appell Inferjuri ("Gemma Fenech vs John Bugeja", 53/2001; 20.10.2003; "George Xuereb et vs Richard Matrenza", 2/1992; 15.07.2009; "Vella Falzon Building Supplies Ltd vs Tourist Services Ltd", 282/2006; 06.10.2010).
- Taccenna ghall-fatt li l-obbligu assunt mill-konvenut kien soggett ghall-unika kundizzjoni "for as long as you live with the children Alain and Shana". Hija tenfasizza li ghadha fil-fatt tghix mal-imsemmija tfal u targumenta li ghalhekk il-konvenut ma kellu l-ebda dritt jirritjeni li inhall mill-obbligazzjoni unilaterali minnu assunta, jew li d-durata tal-obbligazzjoni intemmet.
- Sussidjarjament u bla pregudizzju, targumenta illi anke jekk id-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut kellha titqies bhala "weghda", kif fil-fatt qisitha l-ewwel qorti, tali "weghda" ta' hlas ma setghet qatt tigi ritenuta bhala li mhix

kontemplata mil-ligi (kif ikkonkludiet l-ewwel qorti), izda kellha tigi ritenuta bhala valida u vinkolanti. Targumenta illi l-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti li l-konvenut kellu xi dritt li jirtira mill-istess weghda, hija bla fundament guridiku.

7. Fl-24 ta' Novembru 2017 il-konvenut ipprezenta r-risposta fejn argumenta li s-sentenza hi gusta fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-attrici. Jispjega (inter alia) illi l-kitba kien ghamilha fl-isfond tan-negozjati li kienu ghadhom ghaddejjin bejnu u bejn l-attrici u jenfasizza l-importanza kelma "intention" fil-frazi: "This is to confirm my intention". Isostni li l-kitba ghamilha mhux biex jintrabat izda biex izomm relazzjonijiet tajbin mal-attrici billi jibqa' jaghtiha dak li kien jaghtiha meta kienu jghixu flimkien, bit-tama li jaghlqu n-negozjati ta' bejniethom minghajr glied. Jenfasizza li sa dak l-istadju ma kinux ghadhom ikkonkudew xi ftehim u ghalhekk rabta kien ghad ma hemmx. Jispjega illi f'mohhu l-ftehim eventwali kellu jkun wiehed, u fuq kollox, bil-formalita` li trid il-ligi, kif kienu ghamlu meta infirdu l-ewwel darba.

Sfond u provi:
8. Il-fatti huma:-
- F'Ottubru 1992 il-partijiet bdew relazzjoni u bdew jghixu flimkien.
- Fil-5 ta' Gunju 1995 kellhom tifel: Alain Alexander Mifsud.
- Fit-23 ta' April 1998 kellhom tifla: Shana Marie Mifsud.
- Fl-2006 inqala' inkwiet bejn il-koppja u infirdu. It-tfal baqghu jghixu mal-attrici.
- Fl-2012 il-konvenut u l-attrici rrikonciljaw u marru jghixu flimkien maz-zewg uliedhom f'appartament f'Fort Cambridge, Sliema, li kien wiehed minn zewg appartamenti li kien akkwista l-konvenut.
- Fi Frar 2016 rega' inqala' l-inkwiet bejn il-koppja u l-konvenut imbaghad telaq mid-dar u ma baqax joqghod fl-appartament: baqghu joqghodu fih biss l-attrici u t-tfal.
- Wara li infirdu (ghat-tieni darba), l-konvenut beda' jghaddi lill-attrici cekk ta' €3,000 fl-ahhar ta' kull xahar: hallasha ghax-xhur ta' Marzu, April, Mejju u Gunju 2016. Il-konvenut xehed illi meta kien joqghod fl-appartament maghha u ma' wliedha kien jaghtiha dik is-somma kull xahar ghall-familja kollha, u li minkejja li telaq, xorta baqa' jaghtiha l-istess ammont. Qal li baqa' jaghtiha l-istess ammont "biex ma nqanqalx l-affarijiet, hux hekk, waqt li qed ninnegozjaw soluzzjoni."
- L-attrici xehdet illi c-cekk mensili kien importanti ghaliha, "ghaliex jiena b'dan l-ammont kont qed niehu hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tfal u sa certu punt anke tieghi".
- Il-konvenut xehed illi wara li telaq l-attrici kienet titolbu hafna affarijiet u huwa kien talabha tnizzillu bil-miktub dak li riedet. "Ghidtilha li rrid inkun naf xi trid biex nasal jien."
- Fl-1 ta' Mejju 2016 l-attrici baghtet ittra lill-konvenut (Dok AM1) fejn elenkatlu l-affarijiet li kienet qed tippretendi minghandu:
"01 May 2016
Alfred,
At my age I need to feel secure because it would not be fair if I didn't. I gave you 24 years of my life and two kids. As you know I won't even get a pension because I was forced to give up my career to take care of the family and so any future pension for me was not even thought of or considered.
1) Medical insurance for the children
2) The children's education

3) Shana's car
4) The car I drive on my name
5) A decent place in Gozo
6) My monthly cheque by standing order
7) A sum of money which will give me security.
The sum of money is for 2 reasons
1) If God forbids something were to happen to you, the monthly cheque would immediately stop and I cannot eat the property. I would be in a worse situation (if that's possible) than I am today which is completely at your mercy.
2) If I want to take the kids on a nice holiday I cannot afford to do it with the monthly cheque.
Anna Zelbst

- Fl-affidavit taghha l-attrici spjegat illi fil-bidu ta' Gunju 2016 il-konvenut infurmaha (permezz ta' email) li sar ihobb lil haddiehor u ried iqatta' iktar hin mal-partner l-ohra. Qalet li meta qrat l-email inkwetat li kien ser iwaqqfilha c-cekk.
- Sussegwentement kien hemm skambju ta' messaggi bejn il-partijiet, li l-attrici pprezentat print out taghhom (Dok (, fol 25-26). Dawn gew ikkonfermati mill-konvenut waqt ix-xiehda tieghu. Il-messaggi jaqraw hekk:

attrici: Are you telling me that you will not be giving me my monthly cheque?
konvenut: No I will keep your monthly cheque whatever
I told u also I do not mean to live with anyone and certainly not with other people's kids
attrici: Please send me a signed paper confirming that
konvenut: And I am still dysfunctional as I was
attrici: Live with whoever you want it's not my business
konvenut: My word is enough but I will send you a signed paper
attrici: Alfred your personal things are not my business. Please send me a paper that's signed
konvenut: Yes it wil ge (sic) in your mailbox this eve.

- Il-konvenut zamm kelmtu ghaliex fil-fatt l-attrici sabet id-dokument (Dok AZ1 fol 12 ) fil-kaxxa tal-ittri. Dan id-dokument (li fuqu hija ppernjata l-kawza) jaqra hekk:

"8th July 2016,
To Anna Zelbst
This is to confirm my intention that for as long as you live with the children Alain & Shana, I will maintain the monthly allowance of euro 3000 (three thousand euro) and will continue to pay all reasonable maintenance and utility cost of E5/1501, Fort Cambridge.
If Alain & Shana leave the allowance will be reduced proportionately but never below the gross pension I receive from National Insurance.
I also confirm that I will treat Alain & Shana fairly and equally in my will and in line with my older children.
Alfred Mifsud ID 800057M"

(Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenuti jikkonfermaw illi d-data tat-8 ta' Lulju, 2016 hi zbaljata, ghaliex fil-fatt il-gurnata kienet it-8 ta' Gunju 2016.)

- Il-konvenut enfasizza li fid-dokument kiteb, "This is to confirm my intention" u mhux "This is the final settlement". Spjega li d-dokument kitbu biex iserrah ras l-attrici illi l-fatt li kien ser jibda relazzjoni ma' haddiehor ma kienx se jaffettwa dak li kienu ser jinnegozjaw.

- Gara li fl-10 ta' Gunju 2016 (cioe` jumejn wara li inkiteb id-dokument imsemmi) hargu allegazzjonijiet serji kontra l-konvenut dwar korruzzjoni u hasil ta' flus fi blog u fis-17 ta' Gunju 2016 inkixef is-sors ta' tali allegazzjonijiet (vide xhieda tal-konvenut tat-21 ta' Frar 2017, fol 50-65): cioe` l-attrici. Il-konvenut xehed illi fic-cirkostanzi huwa waqqaf in-negozjati li kellu mal-attrici u li qalilha li ma kienx hemm x'jiddiskutu izjed, u li inqas ma jitkellmu ahjar, "ghaliex inti ghamiltli hsara kbira…..milli ghidna ma hemm xejn. Jien mhu se ntik xejn. Mieghek ma rridx negozjati izjed ghax inti ghamiltli hsara enormi. Kompla jghid li ghalhekk huwa beda jghaddi €250 kull gimgha lil kull wiehed mit-tfal.
- L-attrici ssostni illi fid-19 ta' Gunju 2016 meta kienet imsiefra fuq xoghol il-konvenut kien hadilha l-original tad-dokument Dok AZ1 minn go folder blue li kellha fl-appartament. Tispjega li d-dokument Dok AZ1 esebit minnha huwa fil-fatt kopja li kienet lahqet skennjat mill-original.
- Fit-23 ta' Gunju 2016 l-attrici ghamlet rapport (Dok AZ5) (Rapport tal-pulizija - Dok AZ5, fol 27-29) l-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema fejn iddikjarat illi fid-19 ta' Gunju 2016 il-konvenut kien dahal fl-appartament E5/1501, Fort Cambridge, Sliema, u li binhom Alain Mifsud osserva lil missieru Alfred Mifsud "fiddling in her bureau & from this bureau he took her dark blue file which contained:- personal property contracts, kids maintenance contract and other personal papers and documents. Ms Zelbst added that when she got home this morning at 1am she looked for the dark blue file and noticed that it was missing…."
- Pero` il-Pulizija PS-785 Andre Cassar fix-xiehda tieghu (Xiehda ta' Andre Cassar (PS-785) tal-25 ta' Ottubru 2016, fol 38-44) qal li meta intervistaw lit-tifel huwa ma kkonfermax li huwa ra lil missieru jiehu l-file il-blu (kif gie rapportat). Ix-xhud fil-fatt ipprezenta kopja updated tar-rapport – Dok AC1 (Rapport (updated) tal-pulizija – Dok AC1, fol 45-47) (u cioe` il-kopja tar-rapport bin-notamenti li gew mizjuda wara li l-pulizija kellmet lill-konvenut u wkoll lil Alain Mifsud.) Skont dan id-dokument il-konvenut Alfred Mifsud cahad li huwa mess xi dokumenti, filwaqt li t-tifel Alain Mifsud ghalkemm ikkonferma li kien ra lil missieru jqalleb fil-kxaxen tal-bureau, qal ukoll li fl-ebda hin ma rah hiereg b'xi dokumenti mehuda mill-istess bureau, izda rah biss igorr l-attache` case li jgorr dejjem.
- Il-konvenut fix-xiehda tieghu (Xiehda tal-konvenut tal-25 ta' Ottubru 2016, fol 35-37) qal li l-originali tad-dokument kien impustaha lill-attrici fil-kaxxa tal-ittri, u sostna li qatt ma rega' ra tali dokument.
- Fit-23 ta' Gunju 2016 il-konvenut kiteb ittra lill-attrici li taqra hekk:

"23 ta' Gunju 2016
Ms Anna Zelbst
Billi inti akkuzajtni li jien qisni xi halliel li dhalt f'darek u sraqtlek hwejjgek:
http://daphnecaruanagalizia.com/2016/06/central-bank-deputy-governor-reported-police-morning-theft-personal-documents/
tajjeb li nfakkrek li sal-lum inti kont mistiedna toqghod fil-proprjeta` tieghi izda wara l-gideb kollu li gdibt dwari u l-hsara li ghamiltli, li dwarha ghad naghmlu l-kontijiet fil-qorti, jien ma ghandix aktar pjacir bik go dari u ghalhekk qed nitolbok biex mill-aktar fis tohrog minn dari u tiehu mieghek dak kollu li huwa tieghek. Fejn toqghod ghandek u fuq kollox l-ID car tieghek turi li r-residenza tieghek hija s-Swieqi u qatt ma kienet Tas-Sliema fil-proprjeta` tieghi.
It-tfal taghna illum adulti u ma ghandhomx bzonn min jiehu hsiebhom.
Jekk tonqos li taghmel dan fi zmien ragonevoli jew tonqos milli tirritorna c-cwievet niehu passi biex nizgumbrak. 9

U fl-ahharnett nichad li jien hadt xi file jew karti tieghek u ma ghandix bzonn permess la tieghek u lanqas ta' hadd biex niftah xi kexxun gewwa l-proprjeta` tieghi.
Qed ukoll nitolbok tirritorna lill-AVIS ic-cwievet tal-karozza DQZ-794 Audi Q3 ghax din il-karozza qeghda ghandi b'kuntratt ta' leasing f' ismi u li dejjem hallast jien. Ma ghandix aktar pjacir li int tuzaha izjed.
Tant biex taghraf timxi.
Alfred Mifsud"
- Fil-11 ta' Lulju 2016 id-difensur tal-konvenut wiegeb ghall-ittra tas-7 ta' Lulju 2016 li kien ircieva minghand id-difensur tal-attrici. Huwa enfasizza li l-pagamenti mensili li l-konvenut kien qed jaghmel lill-attrici:
"….kien qed jaghmlu volontarjament minghajr irbit jew xi obbligazzjoni. Minghajr pregudizzju, l-intenzjoni tieghu kienet li jibqa' jassisti lil uliedu u ghalhekk biss kien qieghed jissomministralha dan il-hlas. Tifhem li wara l-kalunji u l-hsara li volontarjament ghamlitlu ma tistax tibqa' tippretendi li qisu ma gara xejn. Ghalhekk iddecieda li ma jaghtiha l-ebda hlas iehor.
F'kull kaz hija l-intenzjoni tal-ittent li jibqa' jiehu hsieb lil uliedu. Illum dawn huma maggorenni u ghalhekk ma ghandux ghalfejn jibqa' jaghmel ebda hlas f' idejn il-klijenta tieghek.
Niehu wkoll l-opportunita` sabiex nitolbok tfisser lill-klijenta tieghek li ma ghandha l-ebda jedd li tibqa' tokkupa l-post proprjeta` tal-klijent tieghi fejn tinsab illum. Il-klijent tieghi diga kitbilha sabiex tohrog minnu sal-11 ta' Lulju 2016 u ghalhekk wara llum fi hsiebu jiehu l-passi kollha opportuni, anke bil-Qorti biex tohrog…."
- Fil-fatt fix-xiehda tieghu, il-konvenut spjega li fetah proceduri kontra l-attrici fejn huwa talab li tigi ordnata tizgombra mill-appartament in kwistjoni, liema proceduri ghadhom pendenti. Spjega li l-intenzjoni tieghu hi li tohrog l-attrici minn hemm, fejn hija toqhod mat-tfal, u jmur hu jghix fl-appartament mat-tfal minflok.

Id-dokument Dok AZ1:
9. L-azzjoni hi bazata fuq id-Dokument AZ1, u l-kwistjoni hi jekk b'dak li kiteb il-konvenut assumiex obbligazzjoni li jhallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) kull xahar (Ghakkemm il-kopja esebita fl-atti mhix wahda originali, m'hemmx kontestazzjoni illi d-dokument effettivament inkiteb mill-konvenut.)

10. L-attrici ssostni li l-kitba in kwistjoni tinkwadra perfettament taht l-Artikolu 961(2) tal-Kodici Civili (Ghalkemm tilmenta li l-ewwel qorti ma kkunsidratx li obbligazzjoni tista' tigi kkreata ukoll minn kwazi-kuntratt (Art 1012), u li kwazi-kuntratt jikkontempla obbligazzjoni mhux biss tal-partijiet lejn xulxin, izda wkoll lejn persuna ohra, ma spjegatx kif ic-cirkostanzi tal-kaz odjern jinkwadraw tahtu, u fil-fatt iffukat fuq l-Artikolu 961(2) li jirrigwarda l-kuntratti unilaterali.): u cioe` kuntratt unilaterali li bih persuna (f'dan il-kaz il-konvenut) tobbliga ruhha lejn persuna ohra (f'dan il-kaz l-attrici) minghajr ma jkun hemm obbligazzjoni min-naha ta' dik tal-ahhar (l-istess attrici). Ghalhekk targumenta illi permezz tal-kitba in kwistjoni, il-konvenut obbliga ruhu li jaghtiha €3,000 kull xahar, liema obbligazzjoni kienet biss soggetta ghall-kundizzjoni li l-attrici tkun ghadha qed tabita maz-zewg uliedhom. Izzid tghid li tali kitba kienet fil-fatt konferma konkreta ta' obbligu verbali diga assunt minnu, tant li diga kien ghaddielha tali somma fl-erba' xhur precedenti.

11. Min-naha l-ohra l-konvenut jargumenta illi bil-kitba huwa ma ntrabat xejn. Isostni li huwa sempliciment wera li kellu l-intenzjoni li jkompli jghaddi lill-attrici s-somma ta' €3,000 fix-xahar diment li tibqa' tghix maz-zewg uliedhom, u jenfasizza illi dan ghamlu fl-isfond tan-negozjati li kienu ghaddejjin bejniethom. Jaccenna ghall-fatt li b'daqshekk ma dahal fl-ebda obbligu.

Konsiderazzjoni.
12. Skont l-artikolu 992(1) tal-Kodici Civili, kuntratt li huma maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li ghamluhom.

13. Fir-rikors tal-appell l-attrici argumentat li obbligazzjoni tista' torigina minn kwazi-kuntratt (artikolu 1012 tal-Kodici Civili: "Il-kwazi-kuntratt huwa fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin".) Argument li gie propost ghall-ewwel darba fl-appell (ara traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensur tal-attrici). Quddiem l-ewwel qorti, l-argument tal-attrici kien li bl-ittra, il-konvenut assuma obbligazzjoni. Ghalhekk il-bazi tal-argument taghha kien il-kunsens tal-konvenut. Dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kwazi-kuntratt. Zgur li l-kaz tal-lum m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dawk il-kazijiet fejn il-ligi qeghda tikkontempla l-kwazi-kuntratt.

14. Fl-istess waqt, l-attrici targumenta li l-konvenut dahal f'kuntratt mal-attrici. F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghall-artikolu 961(2) tal-Kodici Civili, u li d-dikjarazzjoni tal-konvenut "... hija obbligazzjoni unilaterali cara li assuma l-appellat a favur tal-esponenti minghajr ebda obbligazzjoni reciprokanti min-naha taghha".

15. L-ewwel qorti qalet li d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Gunju, 2016,
"la huwa kuntratt u lanqas ma huwa xi forma ta' skrittura privata bejn zewg partijiet. Lanqas ma jidher li d-dikjarazzjoni maghmulha mill-konvenut hija xi obbligazzjoni li gejja mis-setgha tal-Ligi".

16. L-ewwel qorti rragunat b'mod li d-dikjarazzjoni hi semplici weghda, u kkonkludiet li gialadarba m'hijiex weghda kontemplati mil-ligi, il-konvenut m'huwiex obbligat li jezegwiha. F'dan il-kuntest ghamlet riferenza ghall-artikoli 1240, 1357, 1514 u 1803 tal-Kodici Civili. Kompliet tghid:
"Illi d-dikjarazzjoni tal-intenzjoni maghmula mill-konvenut a fol. 12 tal-process ma tinkwadra fl-ebda wahda minn dawn it-tlett xenarji hawn fuq. Ghalhekk l-istess dokument ma jorbotx lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) fix-xahar".

17. Jidher li l-ewwel qorti rragunat li weghda tista' ssir biss fil-kazijiet kontemplati minn dawk id-disposizzjonijiet. Dan m'huwiex korrett. Jista' jkollok weghda ta' lokazzjoni, weghda ta' transazzjoni, weghda ta' cessjoni ta' kreditu u ohrajn. Imkien il-ligi ma tillimita l-kazijiet fejn partijiet jistghu jaghmlu weghda.

18. Minn qari tal-artikolu 1233 tal-Kodici Civili, ma jirrizultax li l-obbligazzjoni li l-attrici tippretendi li dahal ghaliha il-konvenut, kien hemm bzonn li ssir b'att pubbliku jew b'kitba privata. Dan apparti li l-konvenut ma ppropona l-ebda argument f'dak is-sens.

19. Huwa minnu illi mad-daqqa ta' ghajn il-frazi, "This is to confirm my intention that…" (partikolarment il-kelma "intention") fid-Dokument AZ1 tista' tqajjem dubju dwar kemm l-attur assuma obbligazzjoni. Pero' wiehed irid iqis dak id-dokument fil-kuntest tal-provi l-ohra li tressqu. Haga li fil-fehma tal-qorti, l-ewwel qorti naqset milli taghmel. Dokument AZ1 mhu xejn ghajr konferma bil-miktub ta' obbligazzjoni li l-konvenut kien diga' assuma verbalment u li kien diga qieghed iwettaq.

20. Is-segwenti erba' fatti jikkonfermaw illi kien diga' ntlehaq ftehim li l-konvenut ser ihallas lill-attrici s-somma ta' €3,000 kull xahar:
(i) Wara li l-konvenut telaq mill-appartament fi Frar 2016 huwa effettivament beda jaghti lill-attrici cekk fl-ammont ta' €3,000 kull xahar ghax-xhur ta' Marzu, April, Mejju u Gunju 2016.
(ii) Meta fl-1 ta' Mejju 2016 l-attrici ikkomunikat lill-konvenut lista tal-affarijiet li riedet minghandu, talbet illi l-hlas li kienet qeghda tircievi b'cekk minghandu, jithallas permezz ta' standing order. F'dik l-ittra ma talbitux li jibda' jghaddilha €3,000 fix-xahar, izda sempliciment ipproponietlu li l-hlas jibda jsir permezz ta' standing order ("My monthly cheque by standing order"). Ovvjament ghaliex il-hlas kien diga qieghed isir.
(iii) Rilevanti wkoll huma l-messaggi li gew skambjati bejn il-partijiet ftit sighat qabel il-konvenut ta lill-attrici d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Gunju 2016, partikolarment dawk fejn il-konvenut iddikjara:-
● "I will keep your monthly cheque whatever". Dan ghad-domanda tal-attrici, "Are you telling me that you will not be giving me my monthly cheque ?"; u
● "My word is enough but I will send you a signed paper" ghall-messagg tal-attrici, "Alfred your personal things are not my business. Please send me a paper that's signed. Preferably today".
(iv) Jigi osservat ukoll illi mid-Dokument AZ1 stess jirrizulta li l-konvenut kien diga' qieghed ihallas pagamenti ta' €3,000 kull xahar lill-attrici. Fil-fatt il-frazi, "This is to confirm my intention that" tkompli bil-kliem "for as long as you live with the children, Alain and Shana, I will maintain the monthly allowance of Euro 3,000…"

21. Dak li gara wara li saret il-kitba (dan qed jinghad fir-rigward tal-allegazzjonijiet li hargu fil-blog ta' Daphne Caruana Galizia) ma jiggustifikax lill-konvenut li jaqbad u jibdel fehemtu. Ladarba persuna tassumi obbligazzjoni li torbot, ma tistax taqbad u tibdel il-ftehim.

22. Il-konvenut isostni li l-ftehim kellu jkun wiehed, bil-formalita' li trid il-ligi, "kif kienu ghamlu meta nfirdu l-ewwel darba fl-2006". F'dan il-kaz, dwar il-hlas tal-monthly allowance l-intenzjoni u l-volonta' tal-konvenut tirrizulta mic-cirkostanzi:
● Meta telaq mid-dar, kien qieghed ihallas is-somma ta' €3,000 kull xahar;
● F'messagg li baghat lill-attrici qal li kien ser jibqa' jhallasha "whatever", igifieri jigri x'jigri;
● Fid-dikjarazzjoni rega' kkonferma li kien ser jibqa' jhallas lill-attrici s-somma ta' €3,000 kull xahar;

23. Hu minnu li jidher li l-attrici riedet iktar affarijiet (ara l-ittra tal-1 ta' Mejju, 2016). Pero' minn dik l-istess ittra hu evidenti li l-partijiet kienu diga' ftehemu dwar il-monthly allowance li kellha tircievi l-attrici. Tant hu hekk li f'dak ir-

rigward kull ma talbet kien li l-hlas isir permezz ta' standing order u mhux cekk. Dan apparti li fl-ittra tat-8 ta' Gunju, 2016 il-konvenut m'ghamilx kundizzjoni fis-sens li kellu jsir kuntratt bil-miktub jew li kellu jintlehaq ftehim fuq l-affarijiet l-ohra li kienet qeghda tippretendi l-attrici. L-attrici talbet lill-konvenut biex jaghmlilha dikjarazzjoni bil-miktub, ghas-serhan tal-mohh. Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-attrici ma riditx dik id-dikjarazzjoni semplicement biex il-konvenut jaghmel offerta dwar x'kien lest jaghtiha bhala monthly allowance, izda riedet dikjarazzjoni bil-miktub sabiex ikollha iswed fuq l-abjad l-obbligazzjoni li assuma l-konvenut. Jekk dwar il-monthly allowance kien ghadu ma ntlehaqx ftehim, ma kienx hemm skop ghalfejn l-attrici titlob lill-konvenut biex jikkonfermalha bil-miktub li jigri x'jigri ser jibqa' jhallas il-monthly allowance. In-negozjati ma joholqu l-ebda rabta. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-konvenut, ragel ta' skola u esprjenza, kien jaf li l-attrici talbitu ghal dikjarazzjoni bil-miktub sabiex ikollha prova tal-obbligazzjoni. L-intenzjoni tal-konvenut inbidlet biss wara dak li gie ppubblikat dwaru fi blog u ssemmiet l-attrici. Il-konvenut hassu tradut mill-attrici u ma riedx ikompli jwettaq dak li kien hemm ftehim dwaru. Ghaldaqstant, il-qorti ma temminx li l-konvenut aghmel dik id-dikjarazzjoni biex iserrah ras l-attrici li jekk jiftehmu (Kontro-ezami tal-konvenut fol. 65) kien ser ihallasha monthly allowance ta' €3,000. Jekk verament il-konvenut ried ighid lill-attrici li l-pagament ta' 3,000 fix-xahar jibqa' jsir diment li jiftehmu, ma kienx sempliciment ighid "I confirm that my intention is".

24. Hu fatt li gialadarba mhemmx zwieg u f'dan il-kaz ma japplikax l-Att dwar il-Koabitazzjoni (Kap. 571), il-konvenut ma kellux obbligu legali li jmantni lill-attrici. Madankollu minn jeddu assuma obbligu li evidentement l-attrici accettat. Obbligu li l-qorti tifhem li sar ukoll b'kumpens ghas-servizz li tatu matul is-snin twal ta' relazzjoni li kellhom u li minnha twieldu zewgt itfal u wkoll sabiex ikompli jipprovdi ghall-uliedu diment li qeghdin ighixu mal-attrici.

25. Jonqos li jigi kkunsidrat x'ghandu jithallas. Gialadarba ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel qorti cahdet it-tielet eccezzjoni, m'ghadx hemm kwistjoni dwar jekk l-attrici ghandhiex locus standi biex tigbor flus li huma ntizi bhala manteniment ghall-ulied li huma maggorenni. Wara kollox il-ftehim sar mal-attrici. Fl-ezami l-konvenut xehed li minn Gunju, 2016 beda jhallas lil uliedu s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) kull wiehed fil-gimgha (Fol. 58). It-tfal huma t-tnejn maggorenni pero' taht l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23). It-tnejn li huma xehedu li jghixu mal-attrici (Ara affidavits a fol. 30 u 32). M'hemmx dubju li l-monthly allowance kienet intiza biex taghmel tajjeb ukoll ghall-bzonnijiet tat-tfal, tant hu hekk li l-konvenut ghamilha cara li s-somma ta' €3,000 tibqa' tithallas diment li t-tfal jibqghu jghixu mal-attrici. Madankollu, meta gie mistoqsi in kontro-ezami minn meta beda jaghti flus lill-uliedu, kien ghal kollox incert u qal, "M'ghandix ideja cara meta bdejt nghaddihomlhom" (Fol. 64). Il-qorti tqies li dan iwassal ghal stat ta' incertezza dwar minn meta l-konvenut beda jhallas lill-uliedu s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fil-gimgha. Ghalhekk tqies li mhemmx prova sodisfacenti li l-konvenut ta flus lill-uliedu fix-xhur Gunju u Lulju, 2016. Ghaldaqstant, ghal finijiet ta' din il-kawza l-argument li aghmel il-konvenut f'paragrafu 26 tar-rikors tal-appell ma jibqax rilevanti u mhemmx htiega li din il-qorti tikkunsidra jekk ghandux ikun hemm tnaqqis fil-hlas pretiz mill-attrici.

Ghal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li jinghad hawn fuq, tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta tas-17 ta' Ottubru, 2017, fis-sens li tichad l-eccezzjonijiet numru erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6), u tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef ewro (6,000) bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur. Spejjez tal-ewwel istanza a karigu tal-konvenut filwaqt li l-ispejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 20% a karigu tal-attrici (In vista tal-argument relatat mal-kwazi-kuntratt li dwaru l-attrici ma nghatatx ragun) u 80% a karigu tal-konvenut.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tar-ritrattand huma tlieta cioe li s-sentenza inghatat minn Qorti inkompetenti minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni (art. 811(d) Kap. 12); applikat il-ligi hazin (art. 811(e) Kap. 12); u s-sentenza kien l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza (art. 811(l) Kap. 12).

Il-Qorti tirreleva illi r-rikors ta' ritrattazzjoni isemmi bhala kawzali l-artikolu 811(c) Kap. 12 li titratta dwar l-illegitimita tal-persuna izda dan l-artikolu ma giex trattat fil-korp tar-rikors u fit-talbiet jissemmew biss l-aggravji taht is-subincizi (d), (e) u (l) tal-artikou 811 tal-Kap. 12.

Kwindi din il-Qorti mhix ser tikkunsidra ebda aggravju taht l-artikolu 811(c) tal-Kap. 12 billi jidher mill-atti li r-ritrattand ma inkludihiex bhala aggravju fit-talba lil Qorti.

**Aggravju taht l-artikolu 811(d) tal-Kap. 811**

Ir-ritrattand isostni illi l-Qorti tal-Appell kellha tikkonsidra l-eccezzjoni tar-ritrattand dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti ladarba hi biddlet id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati u laqghet it-talba attrici. Hu jzid illi l-istess attrici ritrattata talbet li l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni, michuda mill-Qorti tal-Magistrati tigi konfermata mill-Qorti tal-Appell.

Il-Qorti tqis li dan l-aggravju hu infondat. Hadd mill-partijiet ma appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li cahdet l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni. Wara kollox, avolja r-ritrattand isostni li hu ma appellax mis-sentenza billi rebahha quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ma kellu ebda impediment iressaq appell incidentali fuq dan il-punt la darba gie notifikat bl-appell mill-attrici ritrattata.

Apparti dan il-fatt, hu car, meta tinqara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi l-istess Qorti bla ma dahlet fil-gudikat tal-Qorti tal-Magistrati li cahdet l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni qieset ghan-natura tal-obbligazzjoni ma kienux japplikaw il-ligijiet taz-zwieg u anqas tal-koabitazzjoni pero kienet fin-natura ta' assunzjoni ta' obbligazzjoni da parti tar-ritrattand, obbligu li l-Qorti fehmet sar b'kumpens ghas-servizzi li tat l-attrici ritrattata tul is-snin ta' relazzjoni li minnha twieldu zewg ulied u fejn ir-ritrattand ried ikompli jipprovdi sakemm l-ulied jibqghu jghixu mal-attrici. Din kienet obbligazzjoni li kienet qed tigi attwata fil-prattika u konfermata bil-miktub u li skont il-Qorti l-artikolu 992(1) tal-Kap. 16 kien kuntratt maghmul skont il-ligi u ghandu s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet u li minn qari tal-artikolu 1233 tal-Kap. 16 l-obbligazzjoni li l-attrici ippretendiet li l-konvenut ritrattand dahal ghaliha ma kellhiex bzonn att pubbliku jew kitba privata.

Ghalhekk l-aggravju tar-ritrattand ma hux korrett la fattwalment u anqas fil-ligi u qed jigi michud.

**Aggravju taht l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12**

Ir-ritrattand jikkontendi illi la darba l-Qorti tal-appell ikkonkludiet li r-ritrattand dahal f'obbligazzjoni unilaterali skont l-artikolu 961(2) tal-Kap. 16 ma setghax jikkonkludi li persuna li tassumi obbligazzjoni ma tistax taqbad u tibdel il-ftehim. Dan hu zbaljat fil-ligi billi la darba r-ritrattand dahal f'liberalita japplika d-dispost tal-artikolu 1787(a) u (b) tal-Kap. 16 cioe dawk rilevanti ghad-donazzjonijiet u kellha tqis jekk ic-cirkostanzi kif pruvati fl-atti kienux jinttitolaw lir-ritrattand jirtira dik il-liberalita.

Dan l-aggravju ma fih ebda siwi. Il-Qorti tal-Appell imkien ma semmiet li l-obbligazzjoni tar-ritrattand kienet xi forma ta' donazzjoni. Kienet obbligazzjoni ezegwita fattwalment assunta mir-ritrattand qabel ma tali obbligazzjoni giet konfermata wkoll bil-miktub iktar tard konsoni mal-artikolu 961(2) tal-Kap. 16. Ir-ritrattand fl-ebda waqt ma ammetta li kienet tezisti tali obbligazzjoni. Il-Qorti tal-Appell waslet ghal konkluzjoni li l-obbligazzjoni ma kinitx xi forma ta' donazzjoni izda obbligu ta' hlas mensili bhala rikonoxximent ta' servizzi rezi mill-attrici ritrattata. Jekk r-ritrattand iqis li dan l-obbligu ma ghandux jibqa'

jissusisti, allura jrid jressaq hu proceduri biex jigi mnehhi lilu dan l-obbligu unilaterali jekk il-parti l-ohra mhix lesta li tirrinunzja ghal kreditu moghti lilha b'effett tal-obbligazzjoni. Dan jista' jsir a bazi tal-artikolu 992(2) tal-Kap. 16.

Wara kollox ritrattazzjoni taht dan is-subinciz jipprospetta l-kaz fejn il-Qorti tkun applikat ligi hazina flok dik li kienet tassew applikabbli. F'dan il-kaz ir-ritrattand qed jissottometti li l-interpretazzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell kienet errata u mhux li applikat il-ligi hazina. Dan ma jinkwadrax ruhu f'dan l-aggravju.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Aggravju taht l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12**

Ir-ritrattand jissottometti li l-Qorti tal-Appell ghamlet zball ta' fatt li kienet konsiderazzjoni determinanti ghad-decizjoni taghha. Jispjega li l-Qorti qieset li d-dokument tat-8 ta' Gunju 2016 kien konferma ta' ftehim gia milhuq. Hu jghid li f'parti mis-sentenza l-Qorti tal-Appell qalet li wara l-konvenut ritrattant telaq mid-dar fi Frar 2016 beda jghaddi €3,000. Ir-ritrattand isostni li r-ritrattand kien gia minn qabel ma telaq mill-appartament kien jghaddi minn jeddu €3,000 fix-xahar lil attrici bhala manteniment. Din ix-xiehda mhix kontradetta induciet lil Qorti tal-Appell fi zball determinanti meta qieset li r-ritrattand beda jghaddi l-flus wara li telaq mid-dar, u allura kien hemm ftehim konfermat bil-kitba iktar tard.

Jibda biex jinghad li l-izball irid jirrizulta mill-atti tal-kawza u jrid ikun zball materjali rizultanti mill-konfront bejn id-dikjarazzjonijiet fis-sentenza u l-atti tal-kawza u mhux ghal impostazzjoni tal-fatti kif miftehma u maghmula mill-gudikant. L-izball ta' fatt irid ikun f'rapport ta' kawzalita mad-decizjoni u ma jkunx irid jifforma punt kontrovers u deciz bis-sentenza.

Il-Qorti ma tqis li hemm ebda zball minn dak li qalet il-Qorti tal-Appell peress illi l-Qorti hadet bhala l-punt ta' partenza l-iskrittura ta' Gunju 2016 u x'sehh qabel bhal fatt li jirrizulta mill-korrispondenza bejn il-partijiet. Il-Qorti qieset li l-iskrittura kienet il-konferma bil-miktub ta' dak li kien qed jigri bhala stat ta' fatt sa mill-inqas mindu r-ritrattand telaq mid-dar u l-messaggi skambjati kienu l-konferma li r-ritrattand kien assuma l-obbligu li ma kienx ser jirrinega minnu. Il-

Qorti tat lil dawn il-fatti li jirrizultaw l-importanza li dehrilha hi fl-isfond tal-provi kollha. Ma saret ebda kostatazzjoni zlejali tal-fatti kif qed jikkontendi r-ritrattand. Jekk il-Qorti ma qisitx li r-ritrattand kien gia jghaddi flus lil attrici qabel telaq mid-dar ma jikkostitwix zball izda biss impostazzjoni differenti tal-fatti li fuqhom il-Qorti dehrilha li ghandha tqis bhala predominanti biex iwassluha ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti lanqas taqbel mar-ritrattand illi l-Qorti ma qisitx li l-konvenut ritrattand kien gia jghaddi somma mensili lil attrici qabel telaq mid-dar. Paragrafu 22 tas-sentenza isemmi dan il-punt pero l-Qorti qieset li kienet x'kienet l-intenzjoni ta' dak li sehh qabel il-firda fi Frar, l-iskrittura ta' Gunju 2016 kienet cara u saret bla ebda riserva kif konfermata mal-iskambju ta' messaggi bejn il-partijiet.

Ghalhekk anki dan l-aggravju hu infondat.

Billi l-aggravji tar-ritrattandi huma infondati fil-mertu l-Qorti ma tqis li hu l-kaz li tikkunsidra jekk kellux id-dritt li jressaq dan ir-rikors peress li fil-mori hallas l-ispejjez tal-kawza lil kontroparti.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ghal ritrattazzjoni maghmula mir-rittrattand Alfred Mifsud u tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-18 ta' Gunju 2018 fl-ismijiet premessi. Spejjez ghar-ritrattand.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur